MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 1322/2010

Banif Bank (Malta) plc
(C41030)
vs
Eagle Associates (Malta) Ltd.
(C 43019)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tal-bank rikorrent, konfermat bil-gurament minn Anthony Farrugia u Kurt Polidano li bih espona:

1. Illi l-kumpanija rikorrenti hija bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta' Malta sabiex, fost oqsma ohrajn, issellef flus lill-klijenti taghha;
2. Illi l-kumpanija intimata, li hija registrata taht il-Ligijiet ta' Malta, hija wahda mill-klijenti tal-kumpanija rikorrenti;

3. Illi l-kumpanija konvenuta tisvolgi negozju relatat ma' l-avjazzjoni u avvicinat lill-kumpannija rikorrenti biex issellifha flus f'dan ir-rigward;

4. Illi hekk kif spjegat ahjar fis-*Sanction Letter* datata 9 ta' Dicembru 2009 (Dok. A), il-kumpanija rikorrenti kkoncediet self (*temporary excess*) lill-kumpannija intimata fis-somma ta' sebgha u ghoxrin elf Euro (€27,000);

5. Illi minkejja li inizjalment kienet bdiet thallas lura din is-somma kif miftiehem mal-kumpanija rikorrenti, fit-3 ta' Mejju, 2010, il-kumpannija intimata ma baqghetx taghmel il-pagamenti stipulati;

6. Illi l-bilanc dovut mill-kumpanija intimata lill-kumpanija rikorrenti huwa ta' hamsa u ghoxrin elf, hames mija u wiehed u tmenin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€25,581.88) bl-imghax inkluz li sal-10 ta' Dicembru, 2010, kien ta' tlieta u sittin Euro u tmenin centezmu (€63.80). Din is-somma tirrigwarda l-kont bin-numri hamsa, sitta, sitta, hamsa, wiehed, zero, wiehed (5665 10 1) li l-kumpanija intimata ghandha mal-kumpanija attrici (Dok. B);

7. Illi minkejja li giet interpellata diversi drabi mill-kumpannija rikorrenti sabiex thallas is-somma minnha dovuta, inkluz permezz ta' ittra legali datata 26 ta' Awissu, 2010 (Dok.C), il-kumpannija intimata baqghet inadempjenti;

8. Illi l-imsemmi kreditu tal-kumpanija rikorrenti huwa cert, likwidu u dovut u l-kumpanija intimata m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti f'dan ir-rigward kontra t-talbiet rikorrenti;

9. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta' l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, il-kumpanija rikorrenti talbet li dina l-Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. Taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smiegh, *ai termini* ta' l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara lill-kumpanija intimata debitrici fil-konfront tal-kumpannija rikorrenti fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, hames mija u wiehed u tmenin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€25,581.88);

3. Tikkundanna lill-kumpannija intimata thallas lill-kumpannija rikorrenti s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, hames mija u wiehed u tmenin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€25,581.88);

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra legali datata 26 ta' Awissu, 2010 u l-mandat ta' sekwestru li gie prezentat kontestwalment ma' din il-kawza u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-kumpanija intimata, li giet ingunta in subizzjoni, u b'riserva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpannija rikorrenti fil-konfront ta' l-istess kumpannija intimata.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**
Rat illi s-socjeta` intimata debitament notifikata skond il-ligi ma deher hadd ghaliha ghas-seduta tal-lum.

**C. KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk, peress li t-talba tas-socjeta` rikorrenti tidher gustifikata, il-Qorti filwaqt li qed tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, *ai termini* ta' l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tiddikjara lill-kumpanija intimata debitrici fil-konfront tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' €25,581.88.

Tikkundanna lill-kumpanija intimata thallas lill-kumpanija rikorrenti s-somma ta’ €25,581.88.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra legali datata 26 ta’ Awissu, 2010 u l-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment ma’ din il-kawza u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-kumpanija intimata, u b’riserva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpanija rikorrenti fil-konfront ta’ l-istess kumpanija intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------